**Laqgha Numru 02/K7/2014 – Laqgha tal-lokalita’**

**Introduzzjoni**

It-Tieni Laqgha tas-Seba’ Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2014 li saret nhar il-Gimgha 17 ta’ Jannar 2014.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.30pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsilliera Mark Causon u Charles Cesare flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Prezenti wkoll il-Perit tal-Kunsill Kevin Fsadni, l-Accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante, il-Contracts Manager tal-Kunsill Raphael Carabott, l-Onor. Ministru Emanuel Mallia, u s-sur David Caruana jirraprezenta lill-Ministru Evarist Bartolo.

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata minhabba kura partikulari li kienet ghada kif irciviet filwaqt li l-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh Kurt Mizzi kien skuzat minhabba mpenji ohra. **(Ara Dok A u B)**

Ghal-laqgha kien hemm prezenti 30 persuna. **(Ara Dok. C)**

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta’ qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

Ghall-partijiet mill-laqgha kien hemm il-prezenza tal-pubbliku.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fl-10 ta’ Jannar 2014. L-Agenda kienet:

1. **Rapport ta’ hidma ghas-sena 2013.**
2. **Estimi Finanzjarji 2014.**
3. **Mistoqsijiet u suggerimenti.**

## 01. Rapport ta’ hidma ghas-sena 2013.

1.01. Is-Sindku Dean Hili qara rapport ta’ hidma ghas-sena 2013. **(Ara Dok. D)**

## 02. Estimi Finanzjarji 2014.

2.01. Is-Sindku Dean Hili ressaq ghad-diskussjoni tar-residenti l-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2014. **(Ara Dok. E)**

## 03. Mistoqsijiet u suggerimenti.

3.01. Is-Sindku Dean Hili talab lil dawk prezenti biex iresqu l-kummenti u s-suggerimenti taghhom.

3.02. Is-sur John Dimech irrimarka li s-Sindku precedenti, tul l-ahhar 10 snin dejjem wieghed li l-Kunsill kien ser jaghmel wicc gdid bit-tarmak fi Triq G. Henin. Il-kelliem irrimarka li fl-estimi din m'issemmietx apparti l-fatt li l-ahhar patching li sar jidher li huwa hazin u dan sar kollu ghal xejn.

3.03. Is-Sindku Dean Hili wiegeb li l-Kunsill mhux ser iwieghed xoghol li jaf li l-finanzi tal-Kunsill ma jippermettux. Il-kelliem zied li l-Kunsill talab l-intervent tal-Gvern Centrali ghal dan ix-xoghol minhabba li l-ispiza teccedi l-Budget tal-Kunsill.

3.04. Is-sur Joe Grech ilmenta li hemm bzonn manutenzjoni ta' l-Arlogg ta' Pembroke minhabba li hemm hgieg miksur, li fil-gnien il-gdid ta' Pembroke hemm l-ilma qieghed u fuq fic-cycle track hemm hafna hmieg tal-klieb.

3.05. Is-Sindku Dean Hili wiegeb li gimghat qabel l-ahhar elezzjoni generali, il-bini ta' l-arlogg u l-madwar inghataw mill-Gvern lil TM u ghalhekk kull xogħol ta' manutenzjoni hija fir-responsabilita' ta' TM. Il-kelliem irrimarka li l-Kunsill perjodikament qed ifakkar lil TM fix-xoghol li hemm bzonn isir. Dwar il-hmieg tal-klieb il-kelliem qal li twahhlu diversi bins izda xorta ghad hemm hafna li jabbuzaw u ghalhekk il-Kunsill talab lir-Regjun biex fuq il-post ikun hemm sorveljanza minn Eco wardens. Dwar il-gnien il-gdid, il-kelliem irrimarka li dan huwa fir-responsabilita' ta' l-MTA u l-Kunsill dejjem wassal l-ilmenti kollha li saru.

3.06. Is-sur Emanuel Attard talab lill-Kunsill biex titnehha c-centre strip li hemm quddiem Blokk 5 fi Triq il-Profs Walter Ganado kif ukoll l'issir zebra crossing fl-istess post. Il-kelliem talab ukoll li quddiem l-entratura ta' Triq Pietro Rossell ghandha tigi nstallata crash barrier minhabba li hemm periklu ghat-tfal li jkunu qed jistennew it-trasport ta' l-iskola. Il-kelliem ilmenta li r-residenti huma minsija mill-Kunsill minhabba li hadd ma jersaq lejn il-post taghhom.

3.07. Is-Sindku Dean Hili wiegeb li l-Kunsill ghamel diversi talbiet lil TM biex titnehha c-centre strip jew issir baxxa li vetturi jkunu jistghu jghaddu minn fuqha, u li jigu nstallata pellican lights b'zebra crossing inkorporata. Il-kelliem qal li l-Kunsill ghadu qed jistenna l-ezitu ta' dawn it-talbiet inkluz talba li saret lill-Enemalta biex tigi nstallata lampa ohra tad-dawl fil-junction bejn Triq il-Mediterran u Triq il-Profs Walter Ganado. Dwar il-kumment li r-residenti huma minsija, il-kelliem fakkar lis-sur Attard li kull resident gie mistieden ghal-laqgha li saret ghaz-zona partikulari biex maghhom jigu diskussa l-ilmenti u s-suggerimenti, ghall-liema laqgha, minn madwar 40 familja, attendew biss familja wahda. Il-kelliem qal ukoll li kull ilment li rcieva l-Kunsill, ittiehdet azzjoni dwarha.

3.08. Ms. Caroline Debattista irrimarkat li kienet iddisgustata li l-ittra li hija baghtet lill-Kunsill ma gietx diskussa waqt din il-laqgha kif kienet imwieghda. Il-kelliema talbet spjegazzjoni tal-procedura ta' kif il-Kunsill wasal ghall-ghazla ta' l-Ambaxxatur Lokali ghaz-zghazagh fejn intghazel is-sur Kurt Mizzi minhabba li missieru kien ex Vici Sindku u l-Kunsill m'ghazilx lilha. Il-kelliema b'ton gholi u kommoventi rrimarkat li hija kisbet diversi hiliet inkluz leadership skills waqt il-perjodu li ghamlet bhala Sindku tal-Kunsill taz-zghazagh u ghalhekk ilmentat bil-qawwa kollha li saret diskriminazzjoni maghha li l-Kunsill m'ghazilx lilha ghal din il-pozizzjoni.

3.09. Is-Sindku Dean Hili wiegeb li l-ittra taghha kienet ser tigi diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li ser tinzamm nhar it-Tlieta u mhux fil-laqgha pubblika u dan kif dejjem issir bil-korrispondenza li jircievi l-Kunsill. Il-kelliem ta' rendikont ta' kif graw l-affarijiet fejn il-Kunsill kien mitlub mill-Gvern biex fi ftit jiem jinnomina Ambaxxatur Lokali ghaz-zghazagh, nomina li l-Kunsill seta' qabad u ddecieda minghajr ma stieden lir-

residenti biex jippartecipaw. Il-kelliem zied li minhabba li kien hemm biss granet disponibbli, il-Kunsill ghamel avviz man-notice Board, avviz fuq il-pagna ta' facebook kif ukoll sar komunikat mal-membri li kienu ffurmaw il-Kunsill taz-zghazagh biex jara jekk hemmx min huwa nteressat. Saru ukoll diversi telefonati lil dawn iz-zghazagh biex il-Kunsill jara jekk humiex interessata u dan sabiex huma wkoll jinghataw il-privilegg li jkunu kkunsidrata. Il-kelliem fakkar li wara diversi telefonati nkluz lil Ms. Debattista, il-Kunsill ircieva 3 nomini fejn wahda kienet skartata minhabba l-eta'. Saret laqgha b'urgenza biex il-Kunsill jiddiskuti s-suggett u waqt id-diskussjoni l-Kunsill, li diga kellu l-ghan li din is-sena jerga' jkun hemm Kunsill taz-Zghazagh, iddecieda li ghall-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh jinnomina lis-sur Kurt Mizzi, filwaqt li Ms. Debattista giet imhegga terga' tapplika ghall-Kunsill taz-Zghazagh peress li l-Kunsill xtaq li jkun hemm nies b'esperjenza. Il-kelliem irrimarka wkoll li l-Kunsill xtaq li jaghti opportunita' ukoll lis-sur Mizzi f'kariga li hija fuq qasir zmien.

3.10. Is-sur Reno Maurin ilmenta li l-hajt li qed jigi rrangat fi Triq Normandy, dam hafna biex gie rrangat kif ukoll li qed jerġa' jsir kif kien u qal li jekk mhux ser ikollu bank tal-konkos, dan ser jerġa' jigi vandalizzat.

3.11. Is-Sindku Dean Hili wiegeb li dan ma sarx qabel ghax il-Kunsill insista li dan ix-xoghol kellu jsir minn TM minhabba li dak kien sar hazin mill-bidu nett. Il-kelliem qal li x-xoghol qed isir mill-haddiema tal-Gvern.

3.12. Is-sur Norman Farrugia xtaq ikun jaf f'hiex wasal il-progett tal-Pembroke Garigue Park, ilmenta li hemm problema tal-hmieg tal-klieb fi Triq il-Mediterran, fuq ic-cycle path u fil-by pass. Il-kelliem irrimarka wkoll li hemm diversi tabelli li hemm bzonn li jinbidlu.

3.13. Is-Sindku Dean Hili wiegeb li dwar tabelli tat-traffiku nbeda process sabiex Stop u ismijiet tat-toroq jinbidlu kollha biex ikun hemm uniformi kif ukoll minhabba li thallew fi stat t'abbandun. Dwar il-hmieg tal-klieb, il-kelliem irrimarka li l-Kunsill talab l-intervent tar-Regjun permezz tas-servizz ta' l-Eco Wardens.

3.14. Fuq talba tas-Sindku Dean Hili, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg irrimarka li l-MEPA qed tahdem biex isir management plan tas-sit kollu bil-possibilita' li l-quddiem ikun hemm management Committee li jkollu assenjat Ranger biex jghases is-sit.

3.15. Is-sur Charles Catania lmenta li qed isir qtugħ ta' haxix tul Triq il-Mediterran u b'hekk qed jinqered il-gargir. Ilmenta wkoll li l-laqgha ta' konsultazzjoni li saret mill-MEPA dwar is-sit natura 2000 saret bl-ingliz u mhux bil-Malti.

3.16. Is-Sindku Dean Hili wiegeb li l-laqgha tal-MEPA ma saritx mill-Kunsill izda mill-MEPA, fejn dawn stiednu diversi NGO's inkluz lill-Kunsill. Il-kelliem zied li peress li dakinhar, fl-istess sala kien hemm attivita' tal-Kunsill, il-pubbliku thalla jkun prezenti.

3.17. Is-sur Raphael Cauchi rrimarka li fid-dawl li qed jinstema' li f'Pembroke qed jizdied il-vandalizmu, xtaq ikun jaf jekk huwiex vijabbli li jigu nstallati CCTV's madwar il-lokal.

3.18. Is-Sindku Dean Hili wiegeb li jekk isiru CCTV's, il-Kunsill ikun jista' juzghhom biss ghal sorveljanza minhabba li l-infurzar jista' biss isir mir-Regjun u kull citazzjoni tispicca ghand ir-Regjun. Il-kelliem qal li dan apparti l-fatt li dawn jiswew Eluf ta' Ewro inkluz l-immanigjar.

3.19. Is-sur Michael Spiteri gibed l-attenzjoni li l-huts li kienu jintuzaw minn tal-Museum gew vandalizzata. Ilmenta li hemm problema ta’ parking fi Triq Dun Guzepp Farrugia fejn ta’ l-iscammel ma jkunx jista’ jdur. Ilmenta wkoll li fil-hrug ma’ Triq Alamein hemm tabella tal-Park & Ride li tista’ titnehha u n-naha l-ohra hemm haxix gholi li jtellef milli wiehed jara t-traffiku li jkun gej.

3.20. Is-Sindku Dean Hili wiegeb li dwar il-parking, il-Kunsill talab lil TM biex jikkunsidraw li l-Park & Ride jerga’ jinfetah ghall-pubbliku minghajr hlas. Dwar il-punti l-ohra ha nota u ser jittiehdu passi biex jigu solvuta.

3.21. Is-sur Reuben Debono staqsa dwar kif jintghazel Gwardjan Lokali f’lokalita’ u staqsa jekk tistax tissolva l-problema ta’ dumping biswit l-iskips.

3.22. Is-Sindku Dean Hili wiegeb li l-kumpanija tal-Gwardjani Lokali hija kumpanija privata u sta ghall-kumpanija kif dawn jintghazlu. Il-kelliem irrimarka li l-Kunsill jidentifika postijiet u hinijiet fejn hemm problemi fejn dawn jinghataw lir-Regjun u wara jinhadmu r-rotot mir-Regjun. Dwar dumping il-kelliem wiegeb li l-Kunsill talab is-servizz ta’ Eco wardens.

3.23. Is-sur Alfred Vidal ilmenta li l-katusa li hemm fid-dahla ta’ Triq Sir Luigi Preziosi taht ir-rampa hija mizduda. Ilmenta wkoll li l-Gwardjani Lokali ma jersqux u hemm problema tal-parking. Irrakkomanda l’issir box junction fi Triq Sant’Andrija fid-dahla lejn Triq Falaise.

3.24. Is-Sindku Dean Hili wiegeb li l-Kunsill ha nota u ser jittiehdu passi.

3.25. Is-sur Joe Grech irrimarka li hemm bzonn li jitnaddaf is-sit ta’ hdejn il-MUSEUM fi Triq Camillo Sciberras.

3.26. Is-Sindku Dean Hili wiegeb li l-Kunsill talab l-intervent tad-Dipartiment ta’ l-Artijiet biex jitnaddaf is-sit apparti li l-Kunsill talad id-devoluzzjoni tieghu.

3.27. Is-sur David Vella rrimarka li hemm problema tat-traffiku hdejn il-Museum il-gdid, fejn issuggerixxa li Triq Mons. L. Mifsud Tommasi tigi one way. Staqsa wkoll ghala fil-bandli l-godda m’ghadx ikun hemm security u dwar jekk hemmx xi hsieb li l-Kunsill jinstalla outdoor gym.

3.28. Is-Sindku Dean Hili wiegeb li dwar il-problema tal-Museum, il-Kunsill talab l-intervent tar-Regjun biex ikun hemm infurzar mill-gwardjani lokali. Dwar il-gnien il-kelliem wiegeb li dan huwa amministrat mill-MTA u ghalhekk il-Kunsill ma kellux kontroll fuq l-infieq ta’ l-Awtorita’.

3.29. Il-Kunsillier Charles Cesare irrimarka li dan il-gnien huwa fir-responsabilita’ tal-Gvern Centrali.

3.30. Is-sinjura Carmela Attard irrimarkat li filwaqt li kulhadd jghid li l-vandalizmu isir mill-istudenti barranin, il-vandalizmu li sar fil-jiem u gimghat li ghaddew zgur ma sarx minnhom.

3.31. Is-Sindku Dean Hili rringrazzja lil dawk kollha prezenti u ghalaq il-laqgha fit-8.45pm.

| | |
|---|---|
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |